MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 563/2005

**Pauline sive Polly Fenech**
**(I.D. 376938M)**

***kontra***

**Tereza Schembri**

***u***

**Dr. Richard Sladden u P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b`digriet tal-5 ta` Lulju 2005 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-ahwa ta` l- istess Tereza Schembri, liema hatra kienet revokata b`digriet tas-16 ta` Mejju 2011**

***u***

**b`digriet ta` l-4 ta` April 2011 gew nominati l-Av. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u l-P.L. Peter Paul Zammit bhala Kuraturi Deputati sabiex**

**jirrapprezentaw lill-assenti Stella Tabone u Frank Mangion, ahwa ta` Tereza Schembri**

***u***

**b`digriet ta` l-4 ta` April 2012 gew nominati l-Av. Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw il-werrieta mhux maghrufa ta` Joseph Mangion, hu Tereza Schembri**

***u***

**b`digriet tat-3 ta` Settembru 2012 il-P.L. Mario Mifsud Bonnici gie sostitwit bil-P.L. Alison Wadge**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni li kienet prezentata fl-14 ta` Gunju 2005 li taqra hekk –

*Peress illi l-attrici pprestat u rrendiet servigi lil Salvina u Domenico konjugi Chetcuti ghal erbghin sena qabel il-mewt tal-istess konjugi Chetcuti ;*

*Illi Domenico Chetcuti miet fil-5 ta` Marzu 2004 (Dokument A) filwaqt illi Salvina Chetcuti mietet fit-18 ta` Frar 2005 (Dokument B) ;*

*Illi Domenico Chetcuti kien diversi drabi matul hajtu iserrah ras l-attrici illi ser jiehu hsiebha wara mewtu. Illi wara l-mewt ta` Domenico Chetcuti, Salvina Chetcuti mart l-istess Domenico Chetcuti naqset illi thallas lill-attrici*

*kwalunkwe kumpens ghas-servigi rezi minnha fil-konfront ta` Domenico Chetcuti u anke fil-konfront taghha stess, u dan minkejja illi giet interpellata sabiex thallas diversi drabi ;*

*Peress illi jirrizulta mir-ricerki testamentarji illi saru (Dokumenti C, D, E, F) illi l-konjugi Chetcuti hallew uniku testment – testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona datat 10 ta` Ottubru 1974 (Dokument G) ;*

*Peress illi jirrizulta skond l-istess testment illi t-testaturi hallew lis-superstiti fosthom bhala eredi tal-premorjent u ghaldaqstant Salvina Chetcuti, mal-mewt ta` zewgha Domenico Chetcuti saret il-werrieta tieghu ;*

*Illi jirrizulta wkoll li s-successjoni ta` Salvina Chetcuti m`hijiex regolata permezz ta` testment u ghaldaqstant l-eredita` taghha ghandha tigi regolata skond il-ligi, u ghalhekk il-werrieta ta` Salvina Chetcuti huma l-erba` hutha u cioe` l-konvenuti ;*

*Peress li meta rrendiet tali servigi, liema servigi kienu kostanti u regolari, l-attrici ghamlet dan bl-isperanza u bl-aspettattiva ta` hlas ;*

*Peress illi sabiex irrendiet dawn is-servigi l-attrici ghamlet diversi spejjez u hallset ukoll fost ohrajn l-ispejjez tal-funeral ta` Domenico Chetcuti ;*

*Peress illi Domenico Chetcuti kkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur favur l-attrici permezz ta` kuntratt fl-Atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona datat 10 ta` Ottubru 1974 (Dokument A) ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuni :*

*1. tiddikjara li l-attrici hija ntitolata ghal hlas ta` servigi minnha rezi lill-mejtin Domenico u Salvina konjugi Chetcuti u ta` l-ispejjez minnha mhallsa sabiex irrendiet tali servigi u wkoll l-ispejjez tal-funeral ta` Domenico Cachia u debiti ohrajn ;*

*2. tiddikjara li l-konvenuti, huma responsabbli ghall-hlas ta` l-imsemmi servigi u spejjez imhallsa mill-attrici ;*

*3. tillikwida l-hlas fuq imsemmi, occorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi tar-ricerki testamentarji u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` Lulju 2005 (fol 33) fejn, wara rikors tal-attrici tal-14 ta` Gunju 2005 fejn talbet il-hatra ta’ kuraturi *biex jirrapprezentaw lill-ahwa ta` Tereza Spiteri ghall-finijiet tac-citazzjoni fuq indikata u fl-atti kollha l-ohra relativi u sussegwenti,* kienu mahtura l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati ghal dak l-iskop.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici u ta` Salvina Borg (fol 48 sa fol 52).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Av. Dr. Richard Sladden u P.L. Hilda Ellul Mercer noe prezentata fl-24 ta’ Ottubru 2005 li taqra hekk –

*1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri ;*

*2. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta` l-konvenuta Teresa Schembri prezentata fl-24 ta’ Ottubru 2005 li taqra hekk –

*1. Illi hija rrinunzjat ghal sehemha mill-wirt ta’ Salvina Chetcuti, u ghalhekk it-talbiet attrici huma nsostenibbli skond il-ligi fil-konfront taghha.*

*2. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat id-dokument li kien esebit mill-kuratur deputat Av. Richard Sladden (fol 67).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Catherine Fenech, rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, fl-udjenza tal-24 ta` Frar 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti (fol 76 sa fol 95).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Audrey Ghigo, rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc, fl-udjenza tal-24 ta` April 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti (fol 100 sa fol 103).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2006 (fol 110) fejn hatret lill-Av. Natasha Buontempo bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor ix-xiehda ta` Anthony Zammit.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Anthony Zammit (fol 112 sa fol 118).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Ray Parnis u ta` Joseph Galea fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 127 sa fol 130).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Dr. Stephen Fava u ta` Maryanne Fenech Azzopardi fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti (fol 138 sa fol 140).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Rev. Fr. Joseph Mifsud (fol 147).

Rat tliet dokumenti li kienu esebiti mill-kuratur deputat Dr. Richard Sladden (fol 152 sa fol 154).

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami tal-attrici fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 158).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Tereza Schembri flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti (fol 163 sa fol 168)

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Lawrence Schembri (fol 183 u fol 184).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2008 fejn hatret lill-Av. Mariella Schembri Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor ix-xiehda in kontroezami ta` Rev. Joseph Mifsud, ix-xiehda in kontroezami tal-attrici, u x-xiehda ta` rapprezentant tal-Isptar Monte Carmeli.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda in kontroezami ta` Rev. Joseph Mifsud, ix-xiehda in kontroezami tal-attrici u x-xiehda ta` Oswald Balzan, flimkien ma` dokument li kien esebit minn dan l-ahhar xhud (fol 189 sa fol 219).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Av. Richard Sladden u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati tal-konvenut assenti Frank Mangion prezentata fit-3 ta' Ottubru 2008 li taqra hekk –

*1. Illi huwa rrinunzja ghal sehmu mill-wirt ta' Salvina Chetcuti u ghalhekk it-talbiet attrici huma nsostenibbli skond il-ligi fil-konfront tieghu ;*

*2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri ammissibbli skond il-ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda ndikati u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Av. Richard Sladden u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati tal-konvenut assenti Joseph Mangion prezentata fit-3 ta' Ottubru 2008 li taqra hekk –

*1. Illi huwa rrinunzja ghal sehmu mill-wirt ta' Salvina Chetcuti u ghalhekk it-talbiet attrici huma nsostenibbli skond il-ligi fil-konfront tieghu ;*

*2. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri ammissibbli skond il-ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda ndikati u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat id-dokument li kien esebit mill-kuratur deputat Dr. Richard Sladden a fol 231.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Annunziato sive` Lawrence Schembri u ta` l-konvenuta Tereza Schembri fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta (fol 241 sa fol 263).

Rat id-dokument li kien esebit mill-kuratur deputat Dr. Richard Sladden a fol 265.

Rat illi l-gbir tal-provi kien konkjuz fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2009 (fol 267).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attrici (fol 269 sa fol 274).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuta Tereza Schembri (fol 276 sa fol 279).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-25 ta` Frar 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tad-29 ta` Settembru 2010.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta` Settembru 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm specifikati, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (fol 283 sa fol 285) u tat direzzjoni lill-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2010 (fol 286) fejn halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli biss wara li l-partijiet jew min minnhom jottemperaw ruhhom mad-digriet taghha tas-7 ta` Settembru 2010.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Frar 2011 (fol 288) fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta` talba ghar-riappuntament tal-kawza li saret mill-attrici permezz ta` rikors tat-28 ta` Ottubru 2010 wara li l-Qorti sabet illi l-attrici ma kenitx ottemperat ruhha mad-digriet taghha tas-7 ta` Settembru 2010.

Rat digriet iehor taghha tat-8 ta` Frar 2011 (fol 294) fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet talba li saret mill-attrici permezz ta` rikors taghha tat-28 ta` Ottubru

2010 sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kuraturi deputati Dr. Richard Sladden u l-PL Hilda Ellul Mercer kienu qeghdin jirrapprezentaw lil Stella Tabone, Frank Mangion u Joseph Mangion lkoll assenti minn dawn il-Gzejjer.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Marzu 2011 fejn, wara li kkostatat illi l-attrici kienet ottemperat ruhha mad-digriet taghha tas-7 ta` Settembru 2010, irriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza tas-16 ta` Mejju 2011 fid-9.00 a.m.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta` April 2011 (fol 310) fejn kienu mahtura l-Av. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u l-P.L. Peter Paul Zammit bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Stella Tabone u Frank Mangion.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Mejju 2011 (fol 337 u 338) fejn irrevokat id-digriet tal-5 ta` Lulju 2005 illi bih kienu nhatru Dr Richard Sladden u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-ahwa ta` Tereza Schembri.

Rat il-verbal tal-istess udjenza, in partikolari fejn ikkonfermat il-hatra ta` l-Av. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u l-P.L. Peter Paul Zammit bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Stella Tabone u Frank Mangion, u fejn, kostatata l-mewt ta` Joseph Mangion, idderigiet lill-attrici sabiex tirregola ruhha.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta` April 2012 (fol 343) fejn kienu mahtura l-Av. Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-werrieta mhux maghrufa ta` Joseph Mangion.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Settembru 2012 (fol 360) fejn, wara li l-attrici b`rikors taghha tat-30 ta` Awissu 2012 talbet is-sostituzzjoni tal-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuratur biex jirrapprezenta l-eredi mhux maghrufa ta` Joseph Mangion, issostitwiet lill-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuratur b`dak il-prokuratur legali li jkun imiss fit-turn, li f`dan il-kaz kienet il-PL Alison Wadge (ara fol 361).

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores u PL Alison Wadge tal-<u>11 ta` Ottubru 2012</u> li taqra hekk –

*Illi qabel xejn huma ma jafux bil-fatti li wassli ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar `il quddiem ;*

*Illi madankollu mill-istess att tac-citazzjoni u d-dokumenti mehmuza jidher li :-*

*a) ghalkemm l-attrici qed tmexxi ghall-hlas ta` servigi rezi lil Domenico u Salvina konjugi Chetcuti, meta hi talbet l-ghajnuna legali fit-8 ta` Marzu 2005 (fol 19) dan ghamlitu <u>biss</u> fil-konfront ta` Domenico Chetcuti ghalkemm martu Salvina kienet ga mietet ukoll ftit qabel, precizament fit-18 ta` Frar 2005 (fol 7) u ghalhekk it-talba taghha ghandha tkun arginata ghal servigi rezi lil Domenico Chetcuti biss.*

*b) l-attrici qed tmexxi mhux biss ghall-hlas ta` servigi rezi lil Domenico u Salvina Chetcuti izda wkoll ghal "debiti ohrajn"u ezibiet in sostenn il-kostituzzjoni ta` debitu ta` Domenico Chetcuti versu l-attrici permezz ta` kuntratt in atti Nutar Dott Alexander Sceberras Trigona fl-10 ta` Ottubru 1974 (fol 22). Fih innifsud dan l-att jikkostitwixxi titolu ezekuttiv u t-talba attrici f`dan ir-rigward jidher li saret inutilment.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn Dr. Porsella Flores et.

Rat in-nota tal-kuraturi Dr. Porsella Flores et tat-13 ta` Novembru 2012 (fol 371) fejn irrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Novembru 2012 (fol 372) fejn il-partijiet qablu li ma saret l-ebda kawza sabiex ir-rinunzji ghall-wirt in kwistjoni jigu dikjarati nulli b`gudizzju separat.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-14 ta Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-14 ta` Frar 2013.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Frar 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ir-risposta guramentata tal-Av. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-PL Peter Paul Zammit bhala kuraturi deputati tal-assenti Stella Tabone u Frank Mangion prezentata fil-15 ta` Frar 2013 li taqra hekk –

*Illi l-esponenti m`humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati minn Dr. Mark A. Mifsud Cutajar et.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Jidher illi l-konjugi Chetcuti kienu *de facto* separati u l-komunjoni ta' l-akkwisti ta` bejniethom baqghet tissussisti sal-mewt ta` Domenico Chetcuti. Ghalhekk kull dejn inkluzi servigi tal-koppja huwa a kariku tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Fl-affidavit taghha, **<u>l-attrici</u>** tixhed illi z-zewg ahwa patrijiet ta' Domenico Chetcuti kienu ssuggerewlha sabiex tmur tghix mal-konjugi Chetcuti peress illi dawn ma kellhomx tfal. Chetcuti accettaw u l-attrici bdiet tghix maghhom ghall-habta ta' l-1964. Hija kienet tahdem bhala nurse u l-paga taghha kienet taghtiha lill-konjugi Chetcuti. It-tlieta li huma kienu jghixu fuq il-paga ta' l-attrici u ta' Domenico Chetcuti. Hadmet bhala nurse mal-gvern mill-1956 sa l-1989 (fol 194). Domenico Chetcuti kellu l-vizzju tal-loghob u li l-paga taghha kienet taghmel tajjeb ghall-flus li huwa kien jitlef fil-loghob. Chetcuti kienu jiddependu minnha ghal ghejxien taghhom. Domenico Chetcuti kien ivvizzjat sewwa tant li fuq is-sodda tal-mewt tieghu kien staqsiha jekk kenitx laghbitlu n-numri tieghu. Hija kienet taghmel xoghol *part-time* mid-dar stess fejn hi, u xi kultant meghjuna minn Salvina Chetcuti, kienet taghmel il-pupi ghall-kumpannija Brand International. Domenico Chetcuti kellu mara ohra, certa Polly Farrugia, li ukoll kien jaghtiha l-flus. Huwa kien ukoll telaq ghal xi zmien mid-dar taz-zwieg biex imur ighix ma` Polly Farrugia.

L-attrici tixhed illi hi kienet taghmel ix-xoghol tad-dar u l-qadi. Kienet taghmel it-tisjir u l-hasil tal-hwejjeg. Salvina Chetcuti kienet dejjem marida mentalment u hafna drabi ma kenitx tohrog mis-sodda ghaliex kienet tiehu pilloli qawwija li jraqqduha. Tghid li spiccat issefter lill-konjugi Chetcuti. Kien jigiha hniena minnhom. Billi kienet nurse, kienet tahsel ukoll lil Salvina Chetcuti u tiehu hsiebha. Mhux l-ewwel darba li kienet waslet biex titlaqhom izda Salvina Chetcuti kienet titlobha bil-hniena halli ma tmurx biex ma tibqax wahedha.

Tkompli tghid illi fl-1992 Domenico Chetcuti kien marad sew : kellu kancer, il-kliewi ma jiffunzjonawx sew, u kellu z-zokkor. Kien waqaf jahdem qabel kien lahaq l-eta' tal-pensjoni. Tilef ukoll id-dawl. Hija kellha tiehu hsiebu erbgha u ghoxrin siegha kuljum peress li kien wasal fi stat li ma setax johrog aktar mid-dar. Minbarra l-ghajnuna li kienet taghtih ta' kuljum, kienet ukoll xtratlu apparat li kellu bzonn bhal wheelchair, bastun u walking aid. Meta kien ikun l-isptar hija kienet tbati ghaliex kienet tmur tarah kuljum biex titimghu u tahslu ; hafna drabi kienet torqod hdejh. Ma kienx ikun irid li n-nurses ta' l-isptar jghinuh izda kien joqghod jistenna lilha. Meta miet, hija kienet hdejh.

Issostni l-attrici li meta Domenico kien marid, hija xorta wahda baqghet tiehu hsieb lil Salvina. Ghal xi zmien Salvina kien ukoll rikoverata l-Isptar Monte Carmeli. Hija kienet tahslilha l-hwejjeg u tmur taraha tlett darbiet fil-gimgha, kif kien permess ghall-vizitaturi. Kienet issajrilha u todhilha l-ikel l-isptar.

L-attrici tghid illi l-mard hakem lill-konjugi Chetcuti fl-istess zmien. Ma accettatx lil Salvina lura f'darha tas-Sliema ghaliex ma setghetx tiehu hsieb taghhom it-tnejn. Salvina kellha l-qraba fosthom lil ommha stess. Meta harget mill-Isptar Monte Carmeli, Salvina marret tghix ma` ommha u baqghet tghix hemm anke wara l-mewt ta` ommha.

L-attrici tirrimarka li Domenico kien jghidilha li kien jixtieq jirbah il-lotterija halli jpattilha ta' dak kollu li kienet qeghda taghmel mieghu u ma` martu. Meta Domenico miet, l-attrici kienet interpellat, anki b'ittri ufficjali, lil Salvina Chetcuti sabiex taghtiha kumpens ghas-servigi li kienet irrenditilhom izda Salvina kienet irrispondietha lil ghalkemm xtaqet thallasha, hija ma kellhiex minn fejn.

L-attrici tallega li wara l-mewt ta' Domenico, Salvina hadet madwar Lm 1000 mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u kienet tiehu l-pensjoni wkoll. Salvina kellha xi bicciet tad-deheb u xi ghamara li halliet lill-werrieta taghha.

L-attrici tghid illi hija hallset ghall-funeral ta' Domenico Chetcuti. Salvina qatt ma hallsitha lura l-ispejjez li nkorriet. Domenico kellu dejn ta' Lm 3000. Hija bieghet id-deheb taghha sabiex taghmillu tajjeb ghal dak id-dejn.

Fil-**kontroezami**, l-attrici xehdet illi hija kienet marret tghix mal-konjugi Chetcuti fl-1969. Tixhed illi Salvina kienet rikoverata Mount Carmel bejn l-1978 u l-1984. Meta Salvina harget mill-isptar hija kienet ippruvat toqtol lil Domenico u regghet giet rikoverata l-isptar. Ir-relazzjoni taghha ma` Domenico Chetcuti kienet bhala familja. Hija ma kellhiex relazzjoni intima ma` Domenico izda kienet mara ohra li kellha relazzjoni mieghu.

Il-konvenuta **Tereza Schembri** xehdet illi kien bejn l-1973 u l-1974 li Domenico qalilha li kien ser igib lil attrici minghand is-sorijiet tal-*bon pastur* biex tghix mieghu u ma` martu. Il-familja taghha u l-istess Domenico ma kienux qablu ma` din id-decizjoni. Ohtha Salvina mardet ftit wara li l-attrici marret tghix maghhom. Salvina kienet rikoverata l-Isptar Mount Carmel bejn l-1978 u l-1984.

Wara li harget mill-isptar marret tghix fid-dar ta` ommha sal-mewt. Salvina damet residenti fid-dar konjugali bejn l-1974 u l-1978.

Tixhed illi fiz-zmien li Salvina kienet rikoverata Monte Carmeli, kienu hi u ommha li kienu jzuru lil Salvina. Wara li harget minn dak l-isptar, kull ma hadet id-dar ghand ommha kienu zewgt ilbiesi. Salvina ma kellha xejn ghand ommha. Din tal-ahhar kellha ftit ghamara ta' l-abjad li kienet hallitilha l-konvenuta Stella Tabone qabel emigrat lejn il-Kanada. Ma tafx x'sar minnha l-ghamara li kellha ohtha Salvina fid-dar taz-zwieg taghha ; l-ghamara kienet tinkludi kamra tal-pranzu tal-kewkba u deheb. Salvina kellha kont l-HSBC u hija kellha prokura minghand Salvina ghal dak il-kont. L-ahhar ammont li minnu kien Lm76 u b`dik is-somma u bi flus ohra li kellha ta' Salvina hallset il-funeral ta' Salvina u ghamlet irhama fuq il-qabar. L-ispejjez tal-funeral ta` Salvina kienu jammontaw ghal Lm 447.37 skond l-ricevuti a fol. 166 et seq tal-process.

**<u>Lawrence Schembri</u>**, ir-ragel ta` Tereza xehed illi huwa kien kontra li Domenico jgib lill-attrici biex tghix mieghu u ma` martu go darhom. Darba minnhom dahal fil-flat li Domenico u martu kienu krew go B`Bugia u ra lil Domenico, lil martu u lill-attrici kollha fl-istess sodda. Wara dik ix-xena, ma baqax in kuntatt ma` Domenico.

Hemm diskordanza dwar meta l-attrici marret tghix mal-konjugi Chetcuti. Lawrence Schembri jsemmi l-1974. Jidher li hemm qbil li bejn l-1978 u l-1984 Salvina Chetcuti kienet rikoverata Monte Carmeli u li meta kienet rilaxxjata marret tghix ma` ommha fejn baqghet sakemm mietet. Dan ifisser illi huwa ppruvat li l-attrici irrendiet servigi lil Salvina Chetcuti ghal erba` snin.

Bosta kienu l-persuni li xehdu li l-attrici kienet l-unika persuna li kienet iddur b'Domenico Chetcuti specjalment wara li marad.

**Salvina Borg,** bint pazjent l-isptar, li kellha lil missierha l-isptar fiz-zmien li Domenico Chetcuti kien rikoverat, tixhed illi s-sodod taz-zewg pazjenti kienu vicin xulxin u illi kienet tara lil Polly Fenech ta' kuljum l-isptar tiehu hsieb lil Domenico, tahslu, tippreparalu l-ikel u titimghu, kif ukoll tlibbislu l-harqa. L-attrici kienet tiehu lura maghha l-hwejjeg mahmugin ta' Domenico (ara fol. 52 tal-process).

Hekk ukoll jixhed in-nursing officer, **Anthony Zammit.** Fiz-zmien li kien rikoverat Domenico l-isptar huwa kien jahdem hemm. Domenico kien ilu rikoverat ix-xhur u l-attrici kienet iddur bih. Domenico kien ikun irid lil attrici biss biex iddur bih u jekk kienet tittardja kien jibda jghajjat ma' l-istaff u jakkuzahom li ma hallewhiex tidhol. Bhala dirigenti tal-ward, ma kienux jiehdu gost illi l-attrici tmur ta` kuljum minn kmieni filghodu sakemm jidlam. Kienet iggiblu l-breakfast filghodu, tahslu, terga' taghtih il-kremiet u l-hin kollu sejra u terga` taghtih f'nofs in-nhar u terga' filghaxija, u ma kenitx thallih minuta.' Kienu jhalluha tidhol ghaliex Domenico kien bil-grizma. L-attrici kienet tqatta' l-lejl hdejn Domenico meta dan kien bil-grizma.

Hekk ukoll xehdu **Joseph Galea**, deputy nursing officer, **Ray Parnis**, u **Dr Stephen Fava**, konsulent fid-Dipartiment tal-Medicina.

In partikolari **Dr. Fava** xehed illi l-attrici kienet tikkomunika diversi drabi mieghu rigward is-sahha ta' Domenico Chetcuti. Gieli anke mar jinvista lil Chetcuti d-dar tieghu. Filghodu kien jara dejjem lil attrici hdejn Domenico Chetcuti l-isptar u kien jara lilha biss tassistih. L-attrici kienet tiehu interess f'Domenico Chetcuti, tghinu

f'kull ma kien ikollu bzonn, u tistaqsi x'setghet taghmillu. Domenico Chetcuti kien ibati mid-diabete, mill-mard tal-qalb u tal-kliewi. Meta nvista lil Chetcuti d-dar, sab lill-attrici tassistih. Domenico Chetcuti kien ikun fis-sodda. Dam it-tabib ta' Domenico Chetcuti ghal madwar tlieta jew erba` snin.

**<u>Rev. Joe Mifsud</u>,** Arcipriet tal-Parrocca ta' Bormla, xehed illi huwa kien jaf lil Domenico Chetcuti jghix Bormla. L-attrici kienet dejjem iddur bih ghaliex kien kompletament dipendenti fuqha. Id-dar kienet mizmuma nadifa ; l-istess il-persuna ta' Domenico. L-attrici biss kienet tiehu hsieb ta` Domenico. Qatt ma ra lil haddiehor fir-residenza ta` Domenico.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Accettazzjoni jew rinunzja tal-wirt ?</u>**

Din hija kawza ghal-likwidazzjoni u hlas ta` kumpens ghal servigi li l-attrici tallega li pprestat lil oht il-konvenuti u lir-ragel taghha u cioe` lil Salvina u Domenico konjugi Chetcuti ghal erbghin sena shah ; Salvina Chetcuti kienet is-superstiti fost il-konjugi. L-attrici tghid li Domenico Chetcuti kien weghdha li kienet se tkun kompensata wara mewtu. Wara l-mewt ta` Domenico, Salvina Chetcuti ma hallsitha xejn. Il-konjugi Chetcuti kellhom testment *unica charta* u s-successjoni taghhom kienet regolata b`dak it-testment. Skond dak it-testment, il-konjugi Chetcuti hallew lil xulxin bhala eredi. Billi Salvina Chetcuti mietet l-ahhar u ma ghamlitx testment iehor, apparti dak *unica charta*, il-wirt taghha kien konsegwit minn hutha *ab intestato.* Fl-istanza taghha, l-attrici talbet dikjarazzjoni mill-Qorti li l-konvenuti huma obbligati jhallsuha tas-servigi li rrendiet lil Domenico u Salvina Chetcuti. Talbet il-likwidazzjoni tas-servigi. U l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas kemm tas-servigi kif wkoll tal-ispejjez funerarji ta` Domenico Chetcuti.

Il-konvenuta Tereza Schembri ddefendiet ruhha kontra l-istanza attrici billi eccepiet illi fl-24 ta` Ottubru 2005 hija rrinunzjat ghall-wirt ta` ohtha Salvina Chetcuti.

Bl-istess mod iddefenda ruhu il-konvenut Frank Mangion meta eccepixxa li huwa kien rrinunzja ghal wirt fid-9 ta’ Mejju 2008.

L-istess ghamel il-konvenut l-iehor Joseph Mangion ghaliex anke hu rrinunzja ghall-wirt ta’ ohtu Salvina Chetcuti fit-3 ta’ Ottubru 2008.

**Mhuwiex kontestat, anzi huwa accettat, illi t-tliet noti separati ta` rinunzja ta` Tereza Schembri, Frank Mangion u Joseph Mangion ghall-wirt ta` Salvina Chetcuti ma gewx kontestati bi proceduri gudizzjarji jew xort`ohra.**

Fil-kaz tal-konvenuta Stella Tabone ma tressqet l-ebda nota ta` rinunzja ghall-wirt ta` Salvina Chetcuti.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-attrici tghid illi r-rinunzja ta’ Tereza Schembri hija nulla ghal zewg ragunijiet :

(i) illi ladarba hija kellha fil-pussess taghha l-hwejjeg tal-wirt ta’ ohtha hija ma setghetx tirrinunzja ghall-wirt wara tliet xhur mid-data tal-mewt ta’ ohtha ; u

(ii) illi Tereza Schembri, qabel ir-rinunzja, kienet wettqet atti li jindikaw illi kienet diga` accettat il-wirt ta` Salvina Chetcuti.

L-attrici ssostni li Tereza Schembri kellha fil-pussess taghha ammont ta’ flus appartenenti lil Salvina Chetcuti li

kienu zbankati mill-kont tal-bank ta` Salvina Chetcuti wara l-mewt taghha.

Mill-provi jidher illi fis-7 ta' Frar 2005, u allura meta Salvina Chetcuti kienet ghadha hajja, kienet zbankata s-somma ta' Lm1275.28 (ara d-dokument bankarju a fol 79). Dan izbank sar bis-sahha ta` prokura li Salvina Chetcuti kienet ghamlet a favur ta` ohtha Tereza Schembri (ara fol. 76). Ladarba ma saret l-ebda prova li Tereza Schembri rtirat dawk il-flus ad insaputa ta' Salvina Chetcuti, din il-Qorti ma tistax tqis dak l-isbank bhala att illecitu izda trid taccetta li Tereza Schembri kellha l-barka ta` ohtha meta effettwat dak l-isbank. Anke jekk wara l-mewt ta` Salvina Chetcuti, Tereza Schembri kien ghad fadlilha xi flus minn dak l-isbank, ma jirrifletti xejn – naha jew ohra – fuq l-intenzjoni taghha li tirrinunzja jew taccetta l-wirt ta` Salvina Chetcuti.

Jirrizulta li tlitt ijiem wara l-mewt ta` Salvina Chetcuti, Tereza Schembri ghalqet il-kont tal-bank ta` Salvina Chetcuti u gibdet l-ammont li kien fadal ta' Lm76.34. L-attrici ssostni illi l-fatt illi Tereza Schembri ghamlet hekk bla ma avzat lill-bank li ohtha kienet mietet huwa prova li hija kienet accettat il-wirt ta` Salvina Chetcuti. L-attrici ssostni li dak l-agir jammonta ghall-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, u kwindi Tereza Schembri ma tistax tirrinunzja ghall-wirt.

L-attrici taghmel riferenza ghall-**<u>Art 869 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*B'dak kollu li jinghad fl-artikolu ta' qabel dan, l-imsejhin ghall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt, kemm il-darba ma jkunux imxew skond id-disposizzjonijiet dwar il-beneficcju ta' l-inventarju ; u, jitqiesu bhala werrieta*

*minghajr dan il-beneficcju ukoll jekk kontra dan jghidu li huma jippossjedu dawk il-hwejjeg taht titolu iehor.*

Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi attrici illi l-ammont li gibdet Tereza Schembri mill-kont tad-decujus jikkostitwixxi *pussess tal-hwejjeg tal-wirt* ghaliex mill-provi rrizulta li l-bilanc zbankat lanqas biss kien ikopri l-ispejjez funerarji ta' Salvina Chetcuti (ara ricevuti a fol. 166-168). Fil-fatt dawn l-istess thallsu minn Tereza Schembri.

L-attrici qeghda tqis lill-konvenuta bhala *'a pure and unconditional heir'.* L-attrici qeghda tinterpreta din il-frazi sabiex tghid illi l-konvenuta accettat li tkun '*werrieta universali*' ta` ohtha izda d-disposizzjoni citata qeghda tirreferi ghal eredi li b'rizultat tat-telf tad-dritt ghar-rinunzja tal-wirt, ma jkunx jista' jitlob il-legittima u ma jkollux il-beneficcju ta' l-inventarju bil-konsegwenza li jsir *'a pure and unconditional heir'.*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` April 1965 fil-kawza `**<u>Olivieri vs Caruana Colombo et noe</u>**`, din il-Qorti ipprospettat tliet sitwazzjoni fejn si tratta ta` accettazzjoni o meno ta` wirt –

*"(a) L-eredi li jkun fil-pussess attwali ta' l-eredita', li ghandu biss tlett xhur mill-apertura tas-successjoni jew 'a die scientiae' taghha (Artikolu 922) salvi l-prorogi ghall-inventarju (Artikolu 923) u z-zmien ta' erbghin gurnata ghad-dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni (Artikolu 924). Il-pussess attwali ta' l-eredita' jfisser 'pussess fizikament reali' u mhux biss dak legali li jghaddi ghand l-eredi mid-decuius.*

*(b) l-eredi li ma jkollux il-pussess reali fuq imsemmi u ma jkunx agixxa fl-eredita u li tigi proposta xi istanza kontra tieghu, li ghalih it-terminu irid jigi impost mill-qorti (Artikolu 925(1)).*

*(c) l-eredi li mhux biss ma jkunx ha l-pussess fuq imsemmi u ma jkunx indahal fil-wirt imma wkoll li ma tkunx giet proposta ebda istanza kontra tieghu, f'liema kaz il-perjodu ghall-formalitajiet in kwistjoni jestendi ghall-perjodu preskrittiv ta' l-accettazzjoni tal-wirt, li fil-kaz li l-eredita' tkun vakanti huwa ta' tletin sena (Artikolu 925(2), 900 tal-Kodici Civili).”*

Fil-*Codice Civile Italiano Commentato, Trattato delle Successioni, Vol V, Pag 112,* **Pacifici Mazzoni** jfisser hekk :

*il solo possesso puo' essere atto di amministrazione ordinaria, e non includere percio' l'intenzione di accettare : e allora presumere accettante chi volonta' di esser erede non puo' ritenersi aver avuto, parmi destituito d'ogni razionale fondamento.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta` April 1962 fil-kawza `**Farrugia vs Farrugia et**`, inghad illi biex tirrikorri l-accettazzjoni tacita ta' eredita' jehtieg li jkun hemm successibbli, li dan is-successibbli jkollu l-intenzjoni li jaccetta l-eredita', li jaghmel xi att li jista' jaghmlu biss bhala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher necessarjament il-volonta' tieghu li jaccetta l-eredita'. L-att irid ikun tali li *certament*, *necessarjament* u *univokament* (enfasi tal-Qorti) minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamel dak l-att ikun accetta l-eredita'. Il-prova li l-att ikun ghandu dawn il-karatteristici tinkombi lil min jallega li dak l-att ghandu dawk il-karatteristici.

Din il-Qorti ma tqisx illi fil-kaz tal-lum il-fatt tal-izbank ta` Lm76.34 jammonta ghal accettazzjoni tacita tal-wirt, ghaliex l-att ta` Tereza Schembri ma jikkostitwix att li necessarjament iwassal ghall-prova konklussiva u univoka li kien hemm accettazzjoni tal-wirt ta` Salvina Chetcuti da parti taghha.

Din il-Qorti ghandha l-prova li fl-24 ta’ Ottubru 2005 il-konvenuta Tereza Schembri, permezz ta’ nota prezentata fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) irrinunzjat ghall-wirt ta` Salvina Chetcuti (ara fol. 63 tal-process). Ladarba mhijiex sodisfatta li Tereza Schembri accettat tacitament il-wirt, il-Qorti qeghda tirrikonoxxi r-rinunzja.

Il-konvenut Frank Mangion huwa assenti minn Malta u jghix il-Kanada. Ghalkemm wara Tereza Schembri, Frank Mangion irrinunzja ghall-wirt ta` Salvina Chetcuti. Ma saret l-ebda allegazzjoni mill-attrici li Frank Mangion accetta l-wirt – anke tacitament – ta` Salvina Chetcuti.

L-istess ighodd ghall-konvenut l-iehor Joseph Mangion illum mejjet. Jirrizulta li anke hu kien emigra lejn il-Kanada fejn kien residenti. Bhal huh Frank, huwa rrinunzja ghall-wirt ta` Salvina Chetcuti. Ma saret l-ebda allegazzjoni mill-attrici li Joseph Mangion accetta l-wirt – anke tacitament – ta` Salvina Chetcuti.

Anke fil-kaz ta` dawn iz-zewgt ahwa Mangion, il-Qorti qeghda tirrikonoxxi r-rinunzja.

**Ghar-rigward tal-konvenuta Stella Tabone, li hija assenti minn Malta u tghix il-Kanada wkoll, ma kienet prezentata l-ebda nota ta` rinunzja tal-wirt ta` Salvina Chetcuti. U saret il-prova li Stella Tabone taf bil-kawza. Ghalhekk hija <u>biss</u> il-konvenuta assenti Stella Tabone li trid twiegeb ghall-istanza tal-attrici, billi jirrizulta li wirtet lil Salvina Chetcuti *ab intestato* bla ma rrinunzjat, bhal hutha l-ohra, ghal dak il-wirt.**

**Ikkunsidrat :**

## IV. **Dritt**

L-azzjoni ghas-servigi hija bazata fid-dritt fuq il-kwazi-kuntratt. Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti hu li s-servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b'mod konklussiv il-gratuwita' anke meta hemm relazzjoni ta' parentela (**"Agius vs Calleja"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958). Ghalhekk hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat minn min jallega li s-servigi kienu prestati gratuwitament. Il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens m`ghandhomx jigu akkolti facilment (ara : Qorti tal-Appell - **"Zammit et vs Vella noe" -** 1 ta' Dicembru 1958 ; **"Delicata et vs Saliba pro et noe"** – Qorti tal- Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; **"Attard vs Attard"** – Qorti tal-Appell – 13 ta' Ottubru 1989 ; **"Felice vs Vella"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 22 ta' Gunju 1875 ; **"Caruana pro et noe vs Abela"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952 ; **"Deidun et vs Poggi et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 6 ta' Ottubru 1954 u **"Vassallo vs Sultana"** – Qorti tal-Appell – 11 ta' Frar 1974)

L-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa krucjali. (**Kollez. Vol. L.II.225**). Il-qies u l-mizura tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza, u cioe` illi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Aktar tard fiz-zmien, u cioe` fil-11 ta` Frar 2004, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha fil-kawza "**Mercieca et vs Saliba**" qalet hekk – "*Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa tal-istess provi jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn*

*hijiex possibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti*." Huwa **<u>wkoll</u>** pacifiku u manifest illi l-grad ta' prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"<u>Caruana vs Laurenti</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"<u>Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"<u>Vassallo vs Pace</u>"** – Vol.LXX.II.144 u **"<u>Zammit vs Petrococchino</u>"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-ewwel talba</u>**

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-attrici pprestat servigi kemm lil Domenico kif ukoll lil Salvina Chetcuti, ghalkemm ma rrizultax li kienet parentata maghhom.

Irrizulta li l-prestazzjonijiet taghha ma kienux limitati ghal sena jew tnejn izda li kienu mifruxa fuq medda ta` snin li pero` jvarja fil-kaz ta` Salvina Chetcuti mill-kaz ta` Domenico Chetcuti.

Fl-assjem il-provi tal-attrici mhumiex kontradetti <u>fis-sostanza.</u>

Tibqa` xi ftit velata jekk mhux oskura r-raguni ghala l-attrici pprestat servigi lill-konjugi Chetcuti meta ma kenitx parentata maghhom. Il-Qorti ssibha wkoll kemmxejn difficli taccetta kif fid-dinja tal-lum persuna tistqarr li daret – kif l-attrici tghid li daret - bil-konjugi Chetcuti ghal

erbghin sena shah bl-isperanza ta` xi darba tithallas ghal li ghamlet.

Li l-attrici tathom servizz lill-konjugi Chetcuti rrizulta. L-ghaliex li jibqa` mhux accertat sal-ahhar, ghalkemm jidher li l-inkontru tal-konjugi Chetcuti mal-attrici twieled mill-fatt li l-attrici kienet tghix ghand is-sorijiet tal-Bon Pastur u kwindi setghet inizjalment inghatat kenn mill-konjugi Chetcuti ; dan fil-bidu tar-relazzjoni. Ma jirrizultax li l-attrici qatt iddistakkat ruhha mill-konjugi Chetcuti anzi bil-maqlub. Apprezzament ta` din ix-xorta huwa rilevanti ghaliex jekk l-attrici pprestat servigi mhux bl-isperanza ta` hlas izda ghax kellha mottivi ulterjuri ben diversi, allura l-*discorso cambia e di molto.*

Il-Qorti ma tistax twarrab qisu ma kien xejn il-fatt rakkontat minn Lawrence Schembri li jnissel is-suspett li seta` kien hemm relazzjoni ta` intimita` bejn l-attrici u Domenico Chetcuti mifruxa fuq numru ta` snin. Dik rakkontata minn Lawrence Schembri tista` titfa` dawl pero` daqstant ; anke ghaliex il-Qorti, ghalkemm ghandha mohh biex bih tasal taghti gudizzju, hija obbligata tiddecidi fuq il-provi mhux fuq is-suspetti jew prekoncetti.

Dan kollu jwassal lill-Qorti biex tiehu binarju illi filwaqt li taccetta li l-attrici pprestat servigi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, il-firxa tas-snin li sejra tiehu sejra tkun aktar ridotta minn dik prospettata mill-attrici kif sejjer jirrizulta `il quddiem. Din il-linja ta` hsieb hija dettata mill-kawtela u l-prudenza li ghandhom ikunu prevalenti f`kawzi ta` din ix-xorta ; u din tal-lum mhijiex eccezzjoni.

Daqstant dwar is-servigi.

F`din l-ewwel talba, l-attrici tirreklama r-rimbors ta` spejjez li nkorriet fil-qadi tal-konjugi Chetcuti u l-ispejjez funerarji ta` Domenico Chetcuti.

Jekk l-attrici tallega li harget spejjez tal-qadi jew konnessi mas-servigi, ma tatx prova taghhom u ghalhekk qeghdin jigu respinti.

Fl-affidavit tixhed li hallset minn gewwa Lm 700 ghall-ispejjez funerarji ta` Domenico Chetcuti. Il-Qorti sejra tqis din il-pretensjoni `l quddiem.

Fl-istess affidavit l-attrici ssemmi d-dejn ta` Lm 900 li tghid li Domenico Chetcuti kellu maghha u li baqa` sal-ahhar ta` hajtu ma raddx, dejn li kien mertu ta` kuntratt bejniethom (fol 22). Din il-Qorti tghid li din il-prova mhix kontradetta u kwindi sejra taghtiha konsiderazzjoni. Ghalkemm il-kuntratt jikkostitwixxi fil-parametri stabbiliti mil-ligi titolu ezekuttiv, xejn ma kien jipprekludi lill-attrici li titlob il-hlas lura tas-self fil-kawza tal-lum minflok tirrendi ezegwibbli kif tghid il-ligi dak il-kuntratt.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>It-tieni talba</u>**

Ghar-rigward tat-tieni talba, kif diga` l-Qorti rrilevat aktar qabel, hija **<u>biss</u>** l-assenti konvenuta Stella Tabone li trid twiegeb ghall-istanza attrici billi jirrizulta li wirtet lil Salvina Chetcuti *ab intestato* bla ma rrinunzjat, bhal hutha l-ohra, ghal dak il-wirt.

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>It-tielet talba</u>**

Dwar il-kalkolu tal-kumpens, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn –

1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;

2) il-mezzi tal-persuna li bbenefika mill-prestazzjonijiet ;

3) il-parentela ta' l-attrici mad-decuius ;

4) l-isforzi agguntivi li taw is-servjenti biex jaqdu lid-decuius ;

5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;

6) jekk il-servjenti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.

Applikati dawn il-linji gwida ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, in partikolari t-tul taz-zmien li hadu s-servigi, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz ta` Domenico Chetcuti, li miet l-ewwel, l-ghoti tas-servigi li ghamlet l-attrici ghandu jkopri z-zmien bejn meta Domenico Chetcuti jirrizulta li marad (1992) sad-data tal-mewt tieghu (2005) u cioe` 13-il sena. Din il-Qorti tghid illi perijodi ohra ghandhom jigu eskluzi. Fil-kaz ta` Salvina Chetcuti, li kienet is-superstiti, din il-Qorti tghid illi z-zmien ghandu jkun limitat ghal tliet snin. L-ghamla ta` servigi li nghatat Salvina Chetcuti mill-attrici ma jistghux jigu paragunati ma` dawk prestati lil Domenico Chetcuti. Bhala tali, u cioe` bhala atti ta` servizz, ghad-differenza ta` gesti ta` hbiberija, fil-kaz ta` Salvina Chetcuti, kienu limitati fiz-zmien. Ghandu jitqies li Salvina Chetcuti ghamlet snin rikoverata l-Isptar Monte Carmeli fejn allura l-*care* taghha ma kienux fuq spallejn l-attrici, ghalkemm xorta wahda l-attrici baqghet izzurha regolarment u taghmel li kien ikun hemm bzonn. Inoltre wara l-mewt ta` Domenico, Salvina marret tirrisjedi ghal ommha sakemm mietet.

Daqstant ghar-rigward tal-firxa tas-snin.

Il-kwistjoni l-ohra hija l-*quantum* tal-kompensazzjoni. Mill-atti qieghed jirrizulta li Salvina Chetcuti kienet l-eredi ta` Domenico Chetcuti ; ma kellhomx ulied. Ma jirrizultax Salvina x`wirtet minghand zewgha. Meta mietet Salvina, nafu li kien hemm kont il-bank li ghal xi zmien kien amministrat mill-konvenuta Tereza Schembri u li nghalaq wara l-mewt ta` Salvina ; prova ta` dan huma l-*bank statements.* Il-bqija ma rrizulta li Salvina halliet xejn. Li jkompli jfisser li ohtha l-konvenuta Stella Tabone bhala eredi *ab intestato* ta` Salvina Chetcuti sejra tispicca jkollha taghmel tajjeb hi – minn gewwa – mhux bi flus ta` Salvina – ghall-servigi li l-Qorti sejra takkorda lill-attrici. Anke ghalhekk il-Qorti sejra tuza kawtela meta tigi biex tistabilixxi l-*quantum.*

Ghal dan ir-rigward, il-Qorti sejra titlaq minn rata ta` hlas ta` seftura li tkun tghodd ghas-servigi resi liz-zewg konjugi, ghalkemm is-servigi kienu resi lilhom fi zminijiet differenti. Dan sejra taghmlu ghalkemm irrizulta li l-kwalita` tas-servigi li tat l-attrici lil Salvina mhux biss kienu aktar limitati fiz-zmien u anqas impenjattivi minn dawk li tat lil Domenico. Li ghamlet l-attrici ma` Domenico wara li marad sakemm miet certament ma kenitx taghmlu seftura. Anke ghalhekk ir-ricerka ta` bilanc huwa kompitu ardwu u dak hu li ppruvat taghmel il-Qorti wara li qieset kull prova li kellha quddiemha. Il-Qorti qeghda ghalhekk tadotta ghaz-zewg konjugi Chetcuti *arbitrio boni viri* rata ta` €2.33 fis-siegha, ghal tliet (3) sighat kuljum, mifruxa fuq terz mis-sena u cioe` 120 –il jum ghal perijodu ta` 16-il sena. Dan iwassal ghall-figura ta` **<u>€13,420.80</u>** (€2.33 x 3 x 120 x 16).

Ghar-rigward tal-ispejjez funerarji ta` Domenico Chetcuti, l-attrici ma pprezentatx ricevuta. Il-Qorti tqis eccessiva l-figura ta` Lm 700 li l-attrici tghid li nefqet ghall-funeral ta` Domenico. Billi l-attrici mhijiex kontradetta li hallset hi ghal dak il-funeral, u accertat fuq skorta ta` dokumenti li pprezenta l-konvenuta Tereza Schembri li l-funeral ta` Salvina Chetcuti (li ma hallsitux l-attrici) sewa in-nofs i.e. Lm 363 (ara fol 168), il-Qorti qeghda *arbitrio*

*boni viri* tirriduci l-pretensjoni tal-attrici ghall-figura ta` Lm 350 u cioe` **<u>€815.28</u>**.

Hemm imbaghad is-self ta` Lm 900 ekwivalenti ghal **<u>€2096.44</u>** li l-Qorti qeghda takkorda wkoll minghajr imghax tenut kont ta` x`ighid il-kuntratt u tal-assenza ta` prova ta` xi intimazzjoni gudizzjarja li tirreklama l-hlas ta` imghax.

Dan ifisser li l-Qorti qeghda takkorda lill-attrici somma globali ta` **<u>€16,332.52</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Tereza Schembri u tal-kuraturi deputati li qeghdin jirrapprezentaw lill-assenti Frank Mangion u lill-werrieta mhux maghrufa ta` Joseph Mangion.**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li qeghdin jirrapprezentaw lill-assenti Stella Tabone.**

**Tilqa` l-ewwel talba limitatament u fis-sens illi tiddikjara li l-attrici hija ntitolata ghall-hlas ta` servigi li rrendiet lill-mejtin Domenico u Salvina konjugi Chetcuti, ghall-ispejjez tal-funeral ta` Domenico Chetcuti u ghar-rifuzjoni tad-dejn li kien il-mertu tal-kuntratt tal-10 ta` Ottubru 1974 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberas Trigona (fol 22 tal-process).**

**Tilqa` t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li hija biss l-assenti konvenuta Stella Tabone (ad eskluzjoni tal-konvenuti l-ohra) li hija responsabbli**

**ghall-hlas tal-ammonti ndikati fid-decizjoni dwar l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tielet talba u tillikwida s-somma ta` sittax-il elf tliet mija tnejn u tletin Ewro tnejn u hamsin centezmu (€16,332.52) bhala l-ammont shih dovut lill-attrici skond l-ewwel talba, kif specifikat aktar qabel.**

**Tilqa` r-raba` talba limitatament billi tikkundanna lill-assenti Stella Tabone wahedha, li kienet rapprezentata fil-kawza tal-lum mill-kuraturi deputati Av. Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Peter Paul Zammit, sabiex thallas lill-attrici s-somma ta` sittax-il elf tliet mija tnejn u tletin Ewro tnejn u hamsin centezmu (€16,332.52) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-assenti Stella Tabone sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------